



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 16 ta' Settembru 2021
(OR. en)

2021/0055 (COD)

PE-CONS 46/21

VETER 43
AGRILEG 122
SAN 375
DENLEG 43
CODEC 845

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq animali u prodotti li joriġinaw mill-animali li jiġu esportati minn pajjiżi terzi lejn I-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-projbizzjoni ta' ċerti użi ta' antimikrobiċi u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward tal-provvista diretta ta' laħam tal-pollam u tal-lagomorfi

REGOLAMENT (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jiġu esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni sabiex tīgħi żgurata l-konformità mal-projbizzjoni ta' ċerti użi ta' antimikrobiċi u r-Regolament (KE)

Nru 853/2004 fir-rigward tal-provvista diretta ta' laħam tal-pollam u tal-lagomorfi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114 u l-punt (b) tal-Artikolu 168(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 341, 24.8.2021, p. 107.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2021 ta' [(ĠU ...)/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Ufficijali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi r-regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali biex tīgħi vverifikata l-konformità, inter alia, mar-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi regoli għal, inter alia, il-kontroll u l-użu ta' prodotti mediciinali veterinarji, b'attenzjoni partikolari fuq ir-reżista għall-antimikrobiċi.

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħha u t-trattament xieraq tal-animali, dwar is-saħħha tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffijali), (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediciinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

- (3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/6, l-użu aktar prudenti u responsabbi tal-antimikrobiċi fl-annimali huwa żgurat, inter alia, permezz ta' projbizzjonijiet fuq l-użu tal-antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir u ż-żieda fir-rendiment u fuq l-użu ta' antimikrobiċi riżervati għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin. Skont l-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6, operaturi f-pajjiżi terzi huma meħtieġa li josservaw dawk il-projbizzjonijiet meta' jesportaw annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni. Kif enfasizzat fil-premessa (49) ta' dak ir-Regolament, huwa importanti li titqies id-dimensjoni internazzjonali tal-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi billi jittieħdu miżuri mhux diskriminatorji u proporzjonati, filwaqt li jiġu rrispettati l-obbligi tal-Unjoni skont il-ftehimiet internazzjonali.
- (4) L-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) 2019/6 jibni fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2017 intitolata ‘Pjan ta’ Azzjoni Ewropew “Saħħha Waħda” kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (“AMR”), billi jtejjeb il-prevenzjoni u l-kontroll tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u jippromwovi użu aktar prudenti u responsabbi tal-antimikrobiċi fl-annimali.
- (5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-projbizzjoni tal-użu ta' antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir u ż-żieda fir-rendiment u tal-użu ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin, il-kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati lejn l-Unjoni mal-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6 jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, għal darb'oħra filwaqt li jiġu rrispettati l-obbligi tal-Unjoni skont il-ftehimiet internazzjonali.

- (6) Skont l-Artikolu 18(7), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2017/625, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli speċifiċi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċċali fuq il-kriterji u l-kundizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, fir-rigward tal-Pectinidae, il-gasteropodi tal-baħar u l-Holothuroidea, meta ż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma ma għandhomx jiġi kklassifikati. Il-Holothuroidea huma klassi tal-phylum Ekinodermata. L-Ekinodermi ġeneralment mhumiex organiżmi filtraturi. Għalda qstant, ir-riskju li tali organiżmi jakkumulaw mikroorganiżmi marbuta mal-kontaminazzjoni fekali huwa remot. Barra minn hekk, ma ġiet irrappurtata l-ebda informazzjoni epidemjoloġika li tista' torbot ir-riskji għas-sahħha pubblika ma' ekinodermi li mhumiex organiżmi filtraturi. Għal dik ir-raġuni, il-possibbiltà stabbilita fl-Artikolu 18(7), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2017/625 li ssir deroga mir-rekwiżit ta' klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma jenħtieġ li tiġi estiża għall-ekinodermi kollha li mhumiex organiżmi filtraturi, pereżempju għal dawk li jappartjenu għall-klassi Echinoidea, u ma tkunx limitata għall-Holothuroidea. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiġi ċċarar li l-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u l-monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u ta' żamma li għandhom jiġi stabbiliti mill-Kummissjoni japplikaw għall-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikat u l-gasteropodi tal-baħar, ħlief dawk il-gasteropodi tal-baħar u l-ekinodermi li mhumiex organiżmi filtraturi. It-terminoloġija użata fl-Artikolu 18(6), (7) u (8) tar-Regolament (UE) 2017/625 jenħtieġ li tiġi allinjata skont dan.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jeskludi mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu l-forniment dirett mill-produtturi lill-konsumaturi aħħarin jew lil stabbilimenti tal-imnut lokali li jfornu direttament lill-konsumaturi aħħarin, ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk tat-tjur u tal-lagomorfi li jinqatlu fl-irziezet. Mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2006, l-esklużjoni kienet ġiet estiża diversi drabi għal-laħam kollu mit-tjur u mil-lagomorfi bħala miżura tranżizzjonali. L-aħħar estensjoni tal-perjodu tranżitorju, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185², kienet sal-31 ta' Diċembru 2020. Matul il-15-il sena tal-perjodu tranżitorju, ma ġie osservat, l-ebda tħassib sinifikanti fir-rigward tas-sikurezza alimentari minħabba l-attivitajiet imwettqa b'mod konformi ma' dik l-estensjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" tenfasizza l-importanza ta' ktajjen tal-provvista aktar qosra bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel reġjonali u lokali. L-estensjoni tad-deroga għal-laħam kollu tat-tjur u tal-lagomorfi jenħtieġ li tiġi introdotta fuq bażi permanenti. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiki ta' iġjene għall-ikel li jorigha mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 tat-2 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 29, 3.2.2017, p. 21).

- (8) F'konformità mal-Artikolu 47(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti jridu jwettqu kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni fuq kull kunsinna ta' annimali u oġġetti soġġetti, inter alia, għall-miżuri ta' emerġenza previsti fl-atti adottati f'konformità mal-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Madankollu, l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) 2016/429 ma jikkonċernax il-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni. Dak l-iżball jenħtieġ li jiġi kkoreġut u jenħtieġ li ssir referenza għall-Artikolu 261 tar-Regolament (UE) 2016/429.
- (9) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jippermetti li jsiru kontrolli uffiċjali dwar l-użu ta' antimikrobiċi fl-annimali u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fdak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (10) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2017/625 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (11) Minħabba li r-Regolament (UE) 2019/6 jaapplika mit-28 ta' Jannar 2022, id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibdew jaapplikaw mill-istess data,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħha tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħha tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/625 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(c) ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*; madankollu, dan ir-Regolament għandu japplika għall-kontrolli uffiċjali għall-verifikasi tal-konformità mal-Artikolu 118(1) ta' dak ir-Regolament.

* Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediciinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).’;

(2) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 imwettqa b'rabta ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikat u gasteropodi tal-baħar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikklassifikaw iż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma.";

(b) fil-paragrafu 7, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-paragrafu 6, meta ż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma ma għandhomx jiġu kklassifikati fir-rigward ta':

(i) Pectinidae, u

(ii) fejn ma jkun ux organiżmi filtraturi: ekinodermi u gasteropodi tal-baħar;" ;

(c) fil-paragrafu 8, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' żoni klassifikati ta' produzzjoni u ta' żamma ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikat u gasteropodi tal-baħar;" ;

(3) fl-Artikolu 47(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(e) annimali u oġġetti soġġett għal miżura ta’ emerġenza prevista f’atti adottati f’konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Artikolu 261 tar-Regolament (UE) 2016/429, jew l-Artikoli 28(1), 30(1), 40(3), 41(3), 49(1), 53(3) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031 li jirrikjedu li l-kunsinni ta’ dawk l-annimali jew l-oġġetti, identifikati permezz tal-kodiċijiet tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda, ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni;’.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-provvista diretta mill-produttur ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam tal-pollam u tal-lagomorfi, maqtula fir-razzett, lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnun lokali li jissuplixxu dan il-laħam lill-konsumatur finali;".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (1) għandu japplika mit-28 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President